Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 35**

**17:30 pm 23 ta' April 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi- Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadd

**Ufficċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).**

**35.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is- Sindku s-Sur Luke Farruġia informa lil membri li irċieva ittra ta' Apoloġija mis-Sa Gloria Aquilina.

**Il-Kunsill approva l-apoloġija.**

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 34, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

35.2.1 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 34

**Il-Kunsillier Anthony Meilaq ssekonda. Il-Minuti gew approvati b'ħames (5) voti favur.**

**35.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni skeda ta'pagament 03/2026**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/26 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**35.3.1 Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda IL-Kunsillier s-Sur Anthony Meilaq, il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**35.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

35.4.1 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li ntbagħtet email mill-Għaqda Festi Esterni Marija Reġina fejn ġie rrappurtat li vent tal-pavaljun, li nqata' permezz ta' crane f'kantuniera bejn Triq Assunta u Triq Isouard, ikkawża periklu fil-wires tad-dawl. Dan ġara minħabba kuntrattur li kien qed iwettaq xogħol f'dar privata.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie maqbul li tiddaħħal klawsola fil-permess li biha l-persuna responsabbli mill-permess tkun obbligata tħalli depożitu kif ukoll tagħmel kuntatt mal-għaqdiet, sabiex, jekk ikun hemm ventijiet tal-pavaljuni, dawn jitneħħew temporanjament sakemm jitlesta x-xogħol neċessarju.**

35.4.2 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-GHRC bagħtet proposta sabiex l-istatwa tal-Kunċizzjoni titpoġġa fejn il-ħawt tal-ilma, wara talba tal-Kunsill fil-laqgħat preċedenti biex l-istatwa titpoġġa viċin ix-xelter fi Triq is-Salib tal-Marsa.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie ssuġġerit li l-istatwa titpoġġa ftit 'il bogħod mill-ħawt tal-ilma sabiex viżwalment ikunu separati minn xulxin. Ġie propost ukoll li tinkludi rħama antika li kienet parti mill-istatwa, kif ukoll li, jekk ikun possibbli, il-pedestal ikun kwadru minflok tond.**

35.4.3 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li din hija l-aħħar laqgħa li fiha l-Aġent s-Segretarju Eżekuttiv s-Sur Roderick Ebejer ser ikun preżenti. Għaldaqstant, is-Sindku tkellem mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali dwar il-proċess fin-nuqqas li l-Kunsill m'għandux Deputat Segretarju Eżekuttiv maħtur, peress li l-membri ma kinux qablu mal-isem propost biex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Direttur Ġenerali informa lis-Sindku li ser ikun qed jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv fin-nuqqas ta' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Roderick Ebejer, sabiex il-Kunsill jibqa' jiffunzjona sakemm tingħalaq is-sejħa għas-Segretarju Eżekuttiv u dan ikun approvat u ingaġġat mal-Kunsill.

**Il-membri tal-Kunsill esprimew l-apprezzament sinċier tagħhom lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Roderick Ebejer għas-servizz u d-dedikazzjoni li wera matul il-perjodu li fih serva lill-Kunsill tal-Marsa, u awgurawlu kull suċċess fil-karriera futura tiegħu.**

**35.5 Stima – Xiri ta' Staffa għall – Vann tal-Anzjani**

Is-Sindku informa lill-membri li kien qed jirċievi diversi ilmenti mir-residenti li jużaw is-servizz tal-vann tal-Kunsill, fejn qed isibu diffikultà biex jitilgħu fil-vann minħabba li m'hemmx staffa mwaħħla għal dan l-iskop. Għaldaqstant, inġabret stima sabiex tiġi installata staffa elettronika fil-vann tal-Kunsill, għall-prezz ta' €1,999, biex tkun ta' għajnuna lill-anzjani li jużaw dan is-servizz.

**35.5.1 Wara li s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tax-xiri ta' Staffa għall – vann tal-Anzjani u ssekonda il-kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva b'seba' (6) voti favur.**

***35.6 New Accounting system License – for new chart of Accounts by DLG***

Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment inkarigat informa lill-Kunsill li sar aġġornament fiċ-Chart of Accounts, u li s-sistema li l-Kunsill għandu juża biex iħejji l-kontijiet trid tkun cloud-based. Għaldaqstant, peress li s-sistema attwali li qed juża l-Kunsill mhijiex cloud-based, huwa meħtieġ li tinbidel is-sistema.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġabar stima mill-operatur tas-sistema, li tammonta għal €6,655.20, li tkopri l-liċenzja inkluż upgrades għal perjodu ta' ħames snin. Barra minn hekk, hemm spiża ta' €2,124 għat-trasferiment tad-data mis-sistema attwali tal-Kunsill għas-sistema l-ġdida, inkluż l-installazzjoni. Dan jagħti spiża totali ta' €8,679.20.

**35.6.1 Wara li s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tax-xiri ta' liċenzja ġdida cloud based kif ukoll għall-ispiża ta' trasferiment u installazzjoni tas-sistema, u ssekonda il-kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva b'seba' (6) voti favur.**

**35.7 Tender:**

- **Evaluation Report: Professional Services of a Contracts Manager at Marsa Local Council**

- Is-Sindku informa lill-membri li ġie konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender "Professional Services of a Contracts Manager at Marsa Local Council", fejn il-bidder konformi huwa l-kumpanija Synthesis Management Services Limited, bi prezz ta' €5,040, eskluża l-VAT.

**35.7.1 Wara li s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tat-Tender: Professional Services of a Contracts Manager at Marsa Local Council u ssekonda il-kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva b'seba' (6) voti favur**

***35.8 Cat Feeder's Vouchers***

Is-Sindku informa li waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi kien ippropona li jibdew jingħataw vouchers tal-ikel lil Cat Feeders tal-Marsa. Madankollu, fuq parir tal-accountant tal-Kunsill, ġie spjegat li peress li ma kienx hemm allokazzjoni fil-baġit tas-sena 2026 għal din il-proposta, ikun aktar għaqli li din tiġi posposta għall-baġit tas-sena 2027.

**Għaldaqstant, is-Sindku informa lill-membri li ser ikun qed jieħu l-parir tal-accountant u għalhekk ma kienx se jittieħed vot mill-membri dwar din il-proposta.**

**35.9 Impjegati għall- Maintenance**

Is-Sindku informa lill-membri li waqt il-Kumitat tal-Finanzi kien iddiskuta mal-accountant tal-Kunsill il-possibbiltà li tinħareġ sejħa ta' impjieg fuq Skala 18 għal xogħol ta' manutenzjoni. L-accountant informa li fil-baġit kien hemm provvediment għal ħames impjegati segretarjali, u għaldaqstant, minflok ma tinħareġ sejħa għal impjegat klerikali fuq Skala 15 oħra apparti dik li bħalissa hija vakanti, jista' jiġi kkunsidrat l-ingaġġ ta' impjegat għall-manutenzjoni.

**35.9.1 Wara li is-sindku ippropona lil membri li issir l-ingaġġ ta' impjegat għall-manutenzzjoni, il-membri ma qablux u għaliex hemm l-iskema tal-Community workers fejn il-kunsill jista jagħmel talba formali biex ikun hemm persuna tal-maintenace minn din l-iskema, għaldaqstant din il-proposta tibqa on hold.**

**35.10 Impjegat Clerk scale 15**

Is-Sindku informa lill-membri li hemm post vakanti għal sejħa ta' impjieg klerikali fuq Skala 15, u qed jipproponi li tinħareġ sejħa sabiex jimtela dan il-post vakanti għall-impjieg klerikali fuq Skala 15.

**35.10.1 Wara li s-Sindku ppropona lill-membri li jimtela l-post vakanti ta' impjieg klerikali fuq Skala 15, u ssekondat mill-Kunsillier Anthony Meilaq, il-Kunsill ivvota ħames (5) voti favur u kien hemm astensjoni waħda (1).**

**35.11 Post ta' Parkeġġ – sweeper**

Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn jinstab post ta' parkeġġ sikur għall-isweeper li ġiet provduta mid-Dipartiment tal-Cleansing lill-Kunsill tal-Marsa. Għaldaqstant, kien ġie kkunsidrat li l-vettura titpoġġa fl-Open Centre, u dwar dan ġiet infurmata l-AWAS, fejn id-Direttur innota li ser ikun qed jiċċekkja l-possibbiltà.

Is-Sindku għalhekk qed jipproponi lill-membri post alternattiv fi Triq Sannat fejn l-isweeper tista' titpoġġa, jekk ir-risposta tal-AWAS tkun negattiva.

**35.11.1 Wara li s-Sindku ppropona lill-membri post alternattiv fi Triq Sannat, il-membri tal-Kunsill issuġġerew li s-Sindku jitkellem mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex tintalab kjarifika dwar jekk l-art fejn tinsab il-Marigold Foundation fi Triq Dom Mintoff hijiex privata jew pubblika. Jekk jirriżulta li l-art hija pubblika, għandu jintalab it-trasferiment (devolution) tagħha lill-Kunsill, u jsiru l-permessi neċessarji mill-perit tal-Kunsill sabiex jiġi żviluppat spazju adattat għall-isweeper fi Triq Dom Mintoff.**

**35.12 Ativitajiet tal-Kunsill Lokali 2026**

- **Attivita Jum l-Omm 7 ta' Mejju 2026**

Is-Sindku qed jipproponi lill-membri li ssir attività ta' buffet lunch għall-Jum l-Omm nhar il-15 ta' Mejju 2026, minflok is-7 ta' Mejju 2026, peress li hemm żmien qasir biex tiġi organizzata l-attività. Inġabru stimi minn tliet lukandi, fejn il-Lukanda Topaz offriet menu varjat li jinkludi x-xorb.

**35.12.1 Wara li s-Sindku ppropona lill-membri li issir l-attivita ikla Buffet għall – Jum l-Omm nhar 15 ta' Mejju 2026, u ssekondat mill-Kunsillier Joseph Cachia, il-Kunsill ivvota ħames (5) voti favur u kien hemm astensjoni waħda (1).**

**35.13 Mozzjonijiet**

Is-Sindku ppreżenta Mozzjoni Nru 06/2026 fejn qed jipproponi lid-Dipartiment għall Gvern Loakli li l-Lokal tal-Marsa jitpoġġa mar-Reġjun tal-Port minflok mar-Reġjun tan-Nofsinhar. Dan minħabba l-fatt li l-Lokal tal-Marsa jinsab fiż-żona tal-Port il-Kbir, u li l-isem tal-lokal jirrifletti wkoll ir-rabta tiegħu mal-port. **Annnessa Appendiċi A**

**35.13.1 Wara li s-Sindku ppreżenta l-Mozzjoni Nru 06/2026 lill-membri u ssekondaha l-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill ivvota b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur il-mozzjoni. Il-Mozzjoni Nru 06/2026 għaddiet.**

**35.14 Korrispondenza**

35.14.1 Is-Sindku infroma lil membri li il-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed titlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jagħmel it-toqob li jintużaw għal armar tal-Festa fi Triq Nerik Sacco peress li dawn ġew mgħotija meta sar it-tarmak fit-Triq.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie maqbul li jsir kuntatt mal-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina sabiex jimmarkaw fejn kienu t-toqob mitluba. Ġie maqbul ukoll li ssir komunikazzjoni mal-Public Works, peress li kienet l-entità responsabbli mit-triq, sabiex tinforma lill-kuntrattur li wettaq ix-xogħol biex jerġa' jagħmel it-toqob kif immarkati mill-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina.**

35.14.2 Is-Sindku informa li lil membri li l-Għaqda Festi Esterni SSMA Trinita' Qaddisa qed tkompli bil-preparamenti għall- Festa għalhekk qed titlob l-apoġġ tal-Kunsill. Bħal kull sena u skont il-liġi jrid ikun hemm fil-post *Fire Engine* waqt il-logħob tan-nar, barra minhekk jekk il-Kunsill huwa nteressat jista' jagħmel ir-riklam tiegħu fuq il-ħarġa tal-Ktieb tal-Festa li jiswa €300.

**Il-Kunsill approva u qabel mat-talba mressqa mill-Għaqda Festi Esterni SSMA Trinità Qaddisa.**

35.14.3 Is-Sindku informa lil membri li is-Soċjetà Mużikali Trinità Qaddisa talbet lill-Kunsill jekk huwiex
interessat jagħmel reklam waqt il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, għal prezz ta' €300. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Soċjetà Mużikali li, peress li l-laqgħa tal-Kunsill hija skedata għall-14 ta' April, talbiet bħal dawn għandhom jintbagħtu minn tal-inqas xahar qabel, sabiex ikunu jistgħu jitressqu għad-deċiżjoni tal-Kunsill fil-ħin.

**Il-Kunsill approva u qabel mat-talba mressqa mis-Socjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

35.14.4 Is-Sindku informa is-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fil ktieb tal-festa. Jekk il-Kunsill huwa nteressat il-ħlas dovut huwa ta' €250.

**Il-Kunsill approva u qabel mat-talba mressqa mis-Socjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa.**

35.14.5 Is-Sindku informa lil membri li id- Diviżjoni għall-Gvern Lokali nfurmaw lill-Kunsill li wara li saret l-evalwazzjoni l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx magħżula għal din is-sena.

35.14.6 Il-Viċi Sindku informa lill-membri li rċieva telefonata mis-Servizzi Ewropej Malta rigward il-proġett tal-Anzjanità Attiva fi ħdan il-Kunsill. Ġie infurmat li bħalissa għaddejja kampanja ta' filmati dwar proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej fuq il-media soċjali, bħala preparazzjoni għall-produzzjoni lokali "Popolin". Għaldaqstant, ser ikunu qed jiġu rreġistrati filmati fis-Sala tal-Anzjanità Attiva nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2026, bħala wieħed mill-proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej li l-Kunsill tal-Marsa bbenefika minnhom.

## 35.15 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

35.15.1 Il-Kunsillier Anthony Meilaq staqsa dwar iż-zebra crossing kif ukoll il-bankina li sfrundat fi Triq il-Marsa, u jekk kienx ser isir ix-xogħol neċessarju biex tiġi solvuta l-problema u terġa' tinżebgħa ż-żebra crossing.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Anthony Meilaq li x-xogħlijiet ser isiru mill-kuntrattur responsabbli, u li l-Kunsill mhux ser iġarrab ebda spejjeż relatati.**

35.15.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill għandux il-ħsieb li tinbena Dar tal-Anzjani fil-lokal, fiż-żona tal-korsa taż-żwiemel.

**Is-Sindku informa lill-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi li kien tkellem ma' kuntrattur privat li għandu l-ħsieb li jinvesti billi jibni Dar tal-Anzjani privata fiż-żona tal-Korsa taż-Żwiemel fil-Marsa.**

35.15.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa lis-Sindku jekk ġewwa il-binja tal-Kunsill hemmx pjanijiet li jiżdiedu l-uffiċini amministarttivi.

**Is-Sindku informa lill-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi li l-proposta kienet diġà tressqet waqt il-laqgħat tal-Kunsill, u li jeħtieġ li jiġi l-perit sabiex jagħmel l-evalwazzjoni meħtieġa u jibda l-proċess għall-permessi kollha neċessarji mal-awtoritajiet kompetenti. Informa wkoll li hemm baġit maħsub għal dan il-proġett.**

35.15.4 Il-Viċi Sindku saqsa lis-Sindku li fin-nuqqas tas-segretarju Eżekkuttiv, l-agent mahtur mid-dipartiment ser ikun qed jaghmel l-irwol tas-segretraju li jinkludi il-hlasijiet tal-pagamenti.

**Is-Sindku informa li d-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali kkonferma li l-Aġent Segretarju ser jibda eżatt wara li jispiċċa s-Segretarju Eżekuttiv kurrenti. Informa wkoll li l-Aġent li ser jinħatar ser ikun qed iwettaq dan ix-xogħol fuq bażi temporanja sakemm jinħatar u jiġi approvat Segretarju Eżekuttiv ieħor.**

35.15.5 Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa lis-Sindku jekk il-perit tal-Kunsill kienx infurmat dwar l-applikazzjoni relatata mar-Residential Parking.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li ser ikun qed jibgħat tfakkira lill-perit tal-Kunsill sabiex isiru l-applikazzjonijiet neċessarji mal-awtoritajiet kompetenti.**

35.15.6 Il-Kunsillier Dominic Spencer informa lis-Sindku li hemm bżonn issir reviżjoni tas-sistema tal-ġbir tad-demel, sabiex jiġi evalwat jekk hix qed taħdem kif suppost jew le, peress li qed jirċievu diversi lmenti. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill isejjaħ laqgħa mad-dipartimenti konċernati, minħabba kwistjonijiet ta' sanità, peress li hemm żoni fejn il-kuntrattur mhux qed jiġbor id-demel.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li l-kuntrattur qed jiġbor ukoll minn żoni privati, minkejja li dan mhux suppost isir. Innota wkoll li hemm sidien ta' stabbilimenti li qed iħallu karretti tad-demel fin-nofs ta' żoni privati, u meta jiġu nnotifikati sabiex iressqu l-karretti tad-demel biex ikun jista' jgħaddi, il-kuntrattur ikun qed jiġi affrontat bi kliem dispreġġattiv.**

35.15.7 Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa lis-Sindku dwar is-sitwazzjoni tal-knis fil-lokal, peress li qed jirċievi diversi lmenti dwar nuqqas ta' knis f'ċerti żoni tal-lokal, b'mod partikolari fi Triq is-Serkin u Triq it-Tigrija.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li ma kienx irċieva lmenti dwar is-sitwazzjoni tal-knis fil-Marsa, u li bħalissa qed isir xogħol fl-area tat-Trinità. Huwa qal ukoll li tkellem mas-superviżur sabiex, jekk ikun hemm bżonn ta' bdil fil-ħaddiema tal-knis, dan ikun jista' jiġi indirizzat.**

**Is-Sindku informa wkoll li ser ikun qed jiċċekkja mas-superviżur rigward iż-żoni msemmija, jiġifieri Triq is-Serkin u Triq it-Tigrija.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

35.15.8 Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-infurzar mill-Pulizija u mill-awtoritajiet konċernati, minħabba s-sitwazzjoni tad-droga u tlajjar li qed tinfirex fit-toroq kollha tal-lokal, wara li qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li ser ikun qed jestendi stedina lill-membri tal-Kunsill sabiex jingħaqdu miegħu waqt laqgħat mal-Pulizija li jsiru kull xahar, sabiex jiġu identifikati żoni li jeħtieġu aktar protezzjoni u infurzar mill-Pulizija.**

35.15.9 Il-Viċi Sindku staqsa lis-Sindku sabiex fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill jingħata rendikont bil-fatti dwar in-numru ta' tħarikiet li nħarġu mill-kameras installati fiż-żona tal-Korsa tal-Marsa.

35.15.10 **Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa dwar il-proġett taċ-cycle lane fi Spencer Hill u fiex kien wasal, peress li tpoġġa t-tarmac iżda ma sarux is-sinjali tat-triq.**

Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li ser ikun qed jieħu nota u jitkellem mal-awtoritajiet responsabbli mill-kuntrattur.

**35.16 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:17 pm u ġiet aġġornata għat- Tlieta 19 ta' Mejju 2026 fil-17:30 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Appendiċi A**

**Data: 23/04/2026**

**Mozzjoni 06/2026 imressqa mis-Sindku Luke Farrugia.**

**Nipproponi li l-Kunsill tal-Marsa jipprezenta talba formali lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex jibda jifforma parti mir Regjun Port.**

- Post innifsu 'Marsa' iffiser port, il-post fejn jispiċċa l-Port il-Kbir fil-ġewwieni tiegħu
- Kif imħabbar mill-Gvern is-sena 2026 ser tkun is-sena idedikata lir-Reġjun Port, u b'hekk il-Marsa ser tkun imċaħda li din tkun parti miċ-ċelebrazzjoni peress li tifforma parti mir-Reġjun Nofsinhar, li m'għandu x'jaqsam xejn mal-post ta' fejn tinstab il-Lokalita tal-Marsa dak mal-Port il-Kbir.

Proponent:

Sindku Luke Farrugia

Ssekondat:

Kunsillier Dominic Spencer

Favur: 6 Kontra: 0 Astjenew: 0